

**MT**

**MT**

**MT**



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 24.2.2010  
KUMM(2010)68 finali

2008/0247 (COD)

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI EWROPEA LILL-PARLAMENT  
EWROPEW**

**skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea  
dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' Regolament tal-  
Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar netwerk ferrovjarju Ewropew għat-trasport  
kompetittiv tal-merkanzija**

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI EWROPEA LILL-PARLAMENT EWROPEW**

**skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar netwerk ferrovjarju Ewropew għat-trasport kompetittiv tal-merkanzija**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

**1. SFOND**

Data tat-trażmissjoni tal-proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (dokument COM(2008)852 finali – 2008/0247 (COD)):	11.12.2008
Data tal-opinjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari:	23.04.2009
Data tal-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew :	15.07.2009
Data tal-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni:	07.10.2009
Data tal-adozzjoni b'unanimità tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari:	22.02.2010

**2. GĦAN TAL-PROPOSTA TAL-KUMMISSJONI**

L-għan ta' din il-proposta għal Regolament huwa li tinvolvi l-Istati Membri b'mod partikolari lill-amministraturi tal-infrastruttura ferrovjarja sabiex jiġi żviluppat netwerk ferrovjarju Ewropew "għal-merkanzija kompetittiva", li jkun magħmul minn kurituri ferrovjarji internazzjonali għat-trasport tal-merkanzija.

Dawn il-kurituri għandhom jippermettu li l-ferroviji tal-merkanzija jibbenefikaw minn kwalità tajba sabiex jakkwitsaw fl-affidabbiltà u l-kompetittività. Il-ħolqien tagħhom għandu jippermetti wkoll il-ħelsien ta' kapaċitajiet addizzjonali għat-trasport tal-merkanzija ferrovjarju.

Għalhekk, il-Kummissjoni tipproponi li l-ħolqien ta' dawn il-kurituri jkun ibbażat fuq dawn l-erba' miri:

- Tisħiħ fil-kooperazzjoni bejn l-amministraturi tal-infrastruttura ferrovjarja kemm fir-rigward tal-amministrazzjoni tal-operat tal-infrastrutturi kif ukoll fl-investimenti. Dan it-tisħiħ jeħtieġ, b'mod partikolari, li tiġi stabbilita struttura ta' governanza għal kull kuritur;
- Żieda fl-affidabbiltà tal-kapaċitajiet tal-infrastruttura allokatu għat-trasport tal-merkanzija ferrovjarja fuq dawn il-kurituri;

- Promozzjoni ta' koordinazzjoni bejn l-amministrazzjoni tal-infrastruttura ferrovjarja u dik tat-terminals tal-merkanzija (portijiet marittimi u interni, stazzjonijiet tat-tqassim, ...);
- Aċċess żgurat u mingħajr diskriminazzjoni għal dawn il-kurituri għall-operaturi kollha.

### **3. KUMMENTI ĠENERALI DWAR IL-POŻIZZJONI TAL-KUNSILL**

Il-pożizzjoni adottata mill-Kunsill fl-ewwl qari żżomm l-istess prinċipji essenzjali tal-proposta tal-bidu tal-Kummissjoni. Madankollu, ċerti elementi li jirrigwardaw l-għażla tal-kurituri, il-kooperazzjoni bejn il-amministraturi tal-infrastruttura, u l-prijorità li nġhatat lit-trasport tal-merkanzija, iddgħajfu.

Min-naħa l-oħra, elementi oħra bħalma huma d-dispożizzjonijiet dwar il-kandidati awtorizzati u l-obbligu li jintużaw punti uniċi ta' kuntatt għat-talbiet ta' passaġġi internazzjonali kellhom jitħassru.

Minkejja dawn it-tibdiliet, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tibqa' konsistenti mal-għanijiet tal-proposta inizjali tagħha.

### **4. KUMMENTI DETTALJATI DWAR IL-POŻIZZJONI TAL-KUNSILL FL-EWWEL QARI**

#### ***4.1. Emendi ewlenin fil-proposta tal-Kummissjoni***

- L-għażla tal-kurituri ferrovjarji tat-trasport tal-merkanzija (l-Artikolu 3)

Il-proposta inizjali tal-Kummissjoni tipprovdi għall-ħolqien ta' minn kuritur wieħed sa tlieta għal kull Stat Membru, magħżulin abbażi tal-proposti sodi ppreżentati mill-Istati Membri kkonċernati u mill-amministraturi tal-infrastruttura ferrovjarja. Il-Kunsill jipproponi approċċ maqsum f'żewġ fażijiet: l-ewwel sett ta' kurituri jiġi magħżul b'kodeċizzjoni, u jiġi inkluż f'Anness għar-Regolament u stabbilit fi żmien 3 snin mill-adozzjoni ta' din il-kodeċizzjoni; kurituri oħrajn (mill-inqas wieħed għal kull Stat Membru) jiġu magħżulin abbażi tal-proposti sodi mressqa mill-Istati Membri.

- Minħabba li l-għan tal-proposta huwa li jinħolqu kurituri li jirrispondu għall-ħtiġijiet tas-suq, l-ewwel sett ta' kurituri huwa definit b'mod politiku. Dan l-approċċ politiku jmur kontra l-ewwel għan tal-proposta leġiżlattiva li tippromwovi it-titjib fil-ġestjoni tal-infrastruttura fuq livell transnazzjonali, li huwa differenti mill-għan li jinbnew infrastutturi ġodda.

- Governanza tal-kurituri (l-Artikolu 7)

Il-proposta inizjali tipprovdi governanza li tikkonċentra l-iktar fuq l-azzjoni tal-amministraturi tal-infrastruttura ferrovjarja permezz tal-ħolqien ta' organu ta' tmexxija li jkollu direttur u statut ta' entità ġuridika indipendenti. Il-Kunsill xtaq li jħaffef l-istruttura ta' dan l-organu (li ma jkunx hemm iktar direttur u lanqas entità ġuridika indipendenti) u, abbażi tal-esperjenza li għaddejja bħalissa fuq ċerti kurituri ERTMS, jintroduċi protezzjoni

mill-Istati permezz tal-ħolqien ta' organu eżekuttiv magħmul mir-rappreżentanti tagħhom.

Il-Kummissjoni tista' taççetta ż-żieda ta' din il-protezzjoni sakemm din ma tqajjimx dubji dwar l-indipendenza tal-ġestjoni tal-amministraturi tal-infrastruttura.

– Punt uniku ta' kuntatt (*One Stop Shop*, l-Artikolu 12)

– Il-proposta inizjali tipprevedi li t-talbiet tal-passaġġi internazzjonali għandhom isiru minn punt uniku ta' kuntatt għall-kuritur. Fil-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari, l-użu tal-punt uniku ta' kuntatt isir fakultattiv. Il-Kummissjoni tista' taççetta dan it-tibdil.

– Allokazzjoni tal-kapaċità tat-trasport tal-merkanzija (l-Artikolu 13)

Dan l-Artikolu jirrappreżenta l-qofol tar-Regolament. Il-proposta timmira li tiggarantixxi kapaċitajiet li huma affidabbli u addizzjonali għal-ferroviji tal-merkanzija billi tiddefinixxi proċedura adattata sabiex tilħaq il-ħtiġijiet tal-utenti. Id-domanda għal kapaċitajiet tal-ferroviji tal-merkanzija tiddependi mill-ħtiġijiet tas-suq u ma tistax tiġi stabbilita minn sena qabel, bħal fil-każ tal-ferroviji tal-passiġġieri.

Għalhekk, il-proposta tal-Kummissjoni tipprovdi għall-allokazzjoni minn qabel tal-kapaċitajiet li għandhom jintużaw f'din il-fażi tat-tnejn tal-iskeda annwali tal-ħinijiet, kif ukoll lista ta' riżerva tal-kapaċitajiet li għandha tinżamm fl-iskeda annwali tal-ħinijiet sabiex tkun tista' tilħaq il-ħtiġijiet tad-domandi tal-passaġġi *ad hoc* għall-ferroviji tal-merkanzija.

Għalkemm il-Kunsill segwa l-proposta tal-Kummissjoni u għamilha iktar operattiva (permezz tad-definizzjoni tal-passaġġi stabbiliti minn qabel), huwa ried jillimita l-impatt ta' din l-allokazzjoni minn qabel u tar-riżerva tal-kapaċità billi daħħal referenza għal ħtiġijiet tat-traffiku tal-passiġġieri.

– Regoli ta' prijorità fil-każ ta' inċidenti (l-Artikolu 15)

Il-proposta tal-Kummissjoni tipprovdi li ferrovija li tkun fil-ħin tista' tibqa' fil-ħin fil-każ ta' tfixkil. Il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tipproponi wkoll li "*għandu jitnaqqas id-dewmien sabiex jiġi stabbilit mill-ġdid in-netwerk*" (A) "*billi jitqiesu l-bżonnijiet tal-modi kollha tat-trasport*" (B).

Iż-żieda li saret mill-Kunsill (Taqsim A) mhijiex meħtieġa fid-Direttiva 2001/14/KE. It-Taqsim B mhijiex dispożizzjoni leġislattiva ċara biżżejjed u ma tinftehimx sew. Tista' tagħti lok għal interpretazzjonijiet li aktarx jikkontradixxu l-għanijiet tar-Regolament.

– Emendar tal-lista ta' kriterji li jirregolaw il-ħolqien u l-modifikazzjoni tal-kurituri

Il-proposta tal-Kummissjoni u l-ftehim politiku tat-11 ta' Ġunju 2009 jipprovdu l-possibbiltà li, fil-qafas ta' komitoloġija (PRAC), tiġi emendata din il-lista ta' kriterji, elenkata fl-Anness II.

Wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-komitoloġija ġiet sostitwita mill-atti delegati. Fid-dawl ta' dan, il-Kummissjoni tiegħu l-pożizzjoni li ġejja:

- It-tqegħid f'qafas tas-setgħat tal-Kummissjoni: Il-Kunsill xtaq iqiegħed f'qafas is-setgħat tal-Kummissjoni, f'dak li jirrigwarda l-atti delegati, billi jimponi fuq il-Kummissjoni r-rispett tal-leġislazzjoni sekondarja u billi jitqiesu elementi importanti tal-politika ferrovjarja.

Din iż-żieda tal-Kunsill ma tikkorrispondix għall-preskrizzjonijiet tal-atti delegati. Barra minn hekk, din iż-żieda hija żejda, għax huwa evidenti li l-Kummissjoni, bħala għassiesa tat-Trattati, se tirispetta l-leġislazzjoni sekondarja.

- Eżerċizzju tad-delega u oġġezzjoni għall-atti delegati: Skont il-Komunikazzjoni tagħha dwar l-implimentazzjoni tal-Artikolu 290 tat-TFUE, u abbażi ta' analiżi tal-miżuri speċifiċi kif previst fil-pożizzjoni tal-Kunsill, kif ukoll fid-dawl tad-dritt ta' revoka pprovdut fit-test tal-Kunsill, il-Kummissjoni tippreferi li d-delega tas-segħat issir għal perjodu indeterminat, iżda tista' taċċetta l-approċċ tal-Kunsill (5 snin li jiġġeddu awtomatikament). Barra minn hekk, il-Kummissjoni jiddispjaċiha li l-Kunsill, fl-ewwel qari tiegħu, jintroduċi skadenza ta' tliet xhur għall-oġġezzjoni mill-Kunsill u mill-Parlament. Il-Kummissjoni tippreferi skadenza għall-oġġezzjoni ta' xahrejn, li tista' tittawwal b'xahar fuq talba tal-Kunsill jew tal-Parlament. Dan ikun jikkontribwixxi għal aktar effiċjenza fil-proċeduri, mingħajr ma jitqiegħed fid-dubju l-prinċipju ta' perjodu totali ta' tliet xhur.
- Konsultazzjoni mal-esperti: Il-Kummissjoni tiegħu nota tal-premessa li timponi l-konsultazzjoni ma' esperti fil-fażi ta' tħejjija tal-atti delegati. Il-Kummissjoni tqis li l-gruppi ta' esperti ma jistax ikollhom rwol istituzzjonali formali. Barra minn hekk, premessa bħal din ma tistax tiġi inkluża fit-test ta' bażi. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni tirreferi wkoll għall-Komunikazzjoni tagħha tad-9 ta' Diċembru 2009.

#### **4.2. *Emendi Parlamentari inklużi parzjalment jew bis-sħiħ fil-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari***

##### **– Governanza tal-kurituri**

L-organizzazzjoni tal-governanza ta' kurituri tinqasam f'żewġ organi: il-kumitat ta' ġestjoni, magħmul minn rappreżentanti tal-amministraturi tal-infrastruttura u l-kumitat eżekuttiv, magħmul minn rappreżentanti tal-Istati Membri (l-emenda 31). Il-proposta inizjali tal-Kummissjoni kienet tippovdi biss għal organu wieħed magħmul minn rappreżentanti tal-amministraturi tal-infrastruttura.

Huwa possibbli li jkun hemm superviżjoni msaħħa mill-Istati Membri sakemm din ma tqajjimx dubji dwar l-indipendenza tal-ġestjoni tal-amministraturi tal-infrastruttura.

##### **– Regoli marbutin mal-ġestjoni tat-traffiku**

Il-Parlament Ewropew (l-emenda 62) kif ukoll il-Kunsill naqqsu r-restrizzjonijiet tar-regoli tal-ġestjoni tat-traffiku fil-każ ta' tfixkil. Il-Kummissjoni tista' taċċetta li r-regola "ferrovija tal-merkanzija fil-ħin tibqa' fil-ħin" tkun applikabbli "sakemm dan ikun possibbli" u mhux b'mod sistematiku.

Madankollu, il-Kummissjoni ma tistax taċċetta li din ir-regola ma tkunx fis-seħħ fis-sigħat meta t-traffiku ikun fl-eqqel tiegħu, jiġifieri fil-ħinijiet tal-ġurnata meta din tkun tista' tiġi attivata. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-għan li s-sitwazzjoni tmur lura għan-normal kemm jista' jkun malajr, diġà jidher fil-leġislazzjoni eżistenti. Ikun għalhekk inutli li dan jiddaħħal f'dan it-test.

#### **4.3. *Emendi tal-Parlament Ewropew milqugħa mill-Kummissjoni u mhux inklużi fil-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari***

##### **– Allokazzjoni tal-kapaċitajiet**

L-emendi tal-Parlament Ewropew rigward dan (partikolarment l-emendi 52 u minn 54 sa 58) ma jinbidlux fis-sustanza tal-proposta inizjali tal-Kummissjoni. Min-naħa l-oħra, il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tinkludi referenzi għat-trasport tal-passiġġieri li jfixklu l-messaġġ, u ma jidhrux xierqa għal leġislazzjoni li għandha timmira li tagħti aktar garanziji għall-ferroviji tal-merkanzija.

##### **– Għażla tal-kurituri**

Il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari hija differenti mill-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew għaliex iddaħħal lista ta' kurituri fl-Anness adottat b'kodeċizzjoni.

## **5. KONKLUŻJONI**

Il-Kummissjoni tqis li l-pożizzjoni tal-Kunsill adottata b'unanimità fl-ewwel qari, minkejja l-approċċ wisq politiku u mhux ammirat biżżejjed lejn il-ħtiġijiet reali tas-suq, u minkejja n-

nuqqas ta' ambizzjoni f'termini ta' garanziji addizzjonali mogħtija mill-infrastruttura lill-ferroviji tal-merkanzija, tista' tikkontribwixxi għall-għanijiet ġenerali ta' din il-proposta.

Il-Kummissjoni tesprimi r-riżervi tagħha dwar il-qafas introdott mill-Kunsill fir-rigward tar-rikors mill-Kummissjoni għall-atti delegati, kif speċifikat fl-Artikolu 4§8.

Għaldaqstant, il-Kummissjoni tappoġġa l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari.